MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 312/2001/1

**Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Ignazio Anastasi Ltd. abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi.**

**vs**

**Gollcher Company Limited bhala agenti ta' Excel Shipping Limited u ta' 'NYK Lines' operaturi, proprjetarji u armaturi tal-vapur Kamakura u bhala operaturi tal-bonded stores**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Gunju, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fis-16 ta' April, 2001, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuti illi jhallsu s-somma komplessiva ta' tmien mija u sebgha u tletin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm837.10) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata taghhom u spejjez tas-survey relattiv, waqt illi dawn kienu fil-kura w il kustodja tal-konvenuti, liema merkanzija waslet Malta fuq il-bastiment MV Kamakura Falcon fit-12 ta' April, 2000, liema danni diga thallsu mis-socjeta' attrici.

Bl-imghax legali mid-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Gollcher Company Limited fil-kwalitajiet taghha citati fejn teccepixxi:

Illi fl-ewwel lok, l-atturi ddekadew mid-dritt tal-azzjoni taghhom billi kif jigi pruvat l-oggetti kienu lesti ghal konsenja fl-14 ta' April, 2000, mentri l-kawza odjerna giet istitwita biss fis-16 ta' April, 2001.

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huma mhumiex responsabbli ghall-hsarat u/jew nuqqasijiet lamentati;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju tal-premess, kwalunkwe ammont ta' danni li jista' jgigi likwidat favur l-atturi ghandu jigi limitat ai termini tal-klawsoli u kondizzjonijiet vigenti fil-polza ta' kariku relattiv li jirregolaw il-garr ta' merkanzija de quo.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Gollcher Company Limited bhala agenti ta' 'NYK Lines' operaturi, proprjetarji u armaturi tal-vapur Kamakura fejn eccepiet illi:

1. It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li fil-konfront ta' l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mis-socjeta' huwa eccessiv.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel eccezzjoni taghhom is-socjeta' konvenuta qeda teccepixxi li l-atturi ddekadew mid-dritt ta' azzjoni peress illi l-merkanzija giet ikkonsenjata fl-14 ta' April, 2000, u il-kawza giet istitwita fis-16 ta' April, 2001.

Apparti n-nota spjegattiva tas-socjeta' attrici pprezentata fit-18 ta' Frar, 2002, il-Qorti jidhrilha illi ma itistax tiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni peress illi mhijiex munita bid-dettalji necessarji sabiex il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha. Is-socjeta' konvenuta qeda tghid illi l-azzjoni attrici hija preskritta bit-terminu ta' sena, pero' ma tghidx taht liema artikolu din il-preskrizzjoni taqa'. F'dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti ma tistax tissuplixxi dan in-nuqqas b'artikolu illi tindika hija stess ghax inkella tkun qeda tapplika l-preskrizzjoni ex-officio, haga illi f'dan il-kuntest ma tistax taghmel, kif qalet il-kawza riportata fil-Vol. XL P. 1 p 166, "…il-Qorti ma tistax tapplika preskrizzjoni ex-officio ghax l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, biex il-Qorti tikkunsidrha jehtieg tkun specifikata mill-eccipjent u mhux bizzejjed li l-eccipjent jghid illi jaghti l-eccezzjoni ta' kwalunkwe preskrizzjoni ohra skond il-Ligi. Ghax xort'ohra, il-Qorti tkun qeda tissupplixxi ghal parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizjattiva; u fl-assenza ta' ndikazzjoni cara u specifika ta' preskrizzjoni ohra l-eccezzjoni alternattiva tal-preskrizzjoni moghtija mill-eccipjent mhijiex attendibbli."

Kif gia nghad, f'dan il-kaz ma hemmx indikazzjoni cara u specifika ta' liema preskrizzjoni s-socjeta' konvenuta qeda tinvoga favur taghha u ghalhekk f'din is-sitwazzjoni, l-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief illi tichad din l-eccezzjoni u tghaddi mmedjatament biex tikkonsidra il-meritu.

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta' Ignazio Anastasi kienet impurtat Malta kwantita' ta' *car care products* abbord l-MV Kamakura Falcon illi wasal Malta fit-12 ta' April, 2000. Din il-merkanzija kienet go *container* illi kien wiehed *groupage*, liema *container* ittellgha dritt mix-xatt ghall-*bonded stores* ta' Gollcher. Hemmhekk infetah wara li gie accertat illi s-sigilli kienu ntatti u meta bdiet hierga l-merkanzija nstab illi kien hemm erba' (4) pakkettti li kienu *retaped* u kien hemm xi nuqqasijiet mill-kontenut ta' l-istess pakketti.

Meta din il-merkanzija nghatat lill-importatur Ignazio Anastasi kienet fl-istess kondizzjoni li harget mill-*container* u ghalhekk is-socjeta' ghamlet talba lill-kumpanija assikuratrici Atlas li ghamlet *survey* u sar il-hlas skond is-*survey*. Dan is-*survey* sar fit-28 ta' April, 2000, fl-imhazen ta' l-importatur (Fol 21).

Meta r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta baghat jitlob spjegazzjoni minghand il-*principals* tieghu dwar dan in-nuqqas, nnegaw kull responsabbilta' u qalu illi l-merkanzija giet imqeghda fil-*container* f'kondizzjoni tajba u shiha.

Ghalhekk il-Qorti hija nfaccata b'sitwazzjoni fejn tajjeb jew hazin din il-merkanzija waslet ghand l-importatur bi stat danneggjat. L-ewwel darba illi giet ikkonstatata din il-hsara kien propju waqt li l-*container* kien qed jinhatt, fejn il-konvenuti nnutaw dawn in-nuqqasijiet u ghamlu r-rapport taghhom u baghatuh immedjatament lill-importatur.

Il-Qorti tinnota illi meta dan il-*container* kien qed jigi zarmat kien hemm prezenti biss ir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta. Hadd mill-importatur jew inkella mill-

burdnara ma kien prezenti biex jissorvelja din l-operazzjoni. Milli jidher l-anqas ir-rapprezentant tad-Dwana, illi kien prezenti biss biex jara illi s-sigilli kienu f'posthom.

Ghalhekk jibqa' l-fatt illi s-socjeta' konvenuta li suppost kienet responsabbli ghall-merkanzija dak il-hin, sabet dawn in-nuqqasijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidhrilha li s-socjeta' konvenuta naqset meta assumiet ir-responsabbilta' waheda sabiex thott il-*container* mhux fil-prezenza tar-rapprezentant ta' l-importatur. B'hekk kwalunkwe nuqqasijiet illi setghu jirrizultaw fil-merkanzija f'dak l-istadju jisghu jkunu a karigu ta' l-istess socjeta'. La hija ma haditx hsieb tesimi mir-responsabbilta' bil-prezenza ta' terzi nteressati, f'dan il-kaz l-importatur, ghal sorveljanza waqt il-hatt tal-merkanzija.

Peress illi rrizulta li s-sigilli kienu f'posthom u peress illi s-socjeta' estera rrimarkat illi l-merkanzija giet imqeghda fil-*container* f'kundizzjoni tajba u shiha, huwa probabbli illi l-merkanzija giet danneggjata meta kienet qed tinhatt hawn Malta, fejn allura kien hemm prezenti biss rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta. F'dan il-kaz hija din is-socjeta' illi hija responsabbli u ta' dan ghandha twiegeb.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta fil-kwalitajiet taghha illi thallas is-somma ta' tmien mija u sebgha u tletin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm837.10) rapprezentanti nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lill-assigurati Ignazio Anastasi, liema merkanzija waslet Malta fuq il-bastiment MV Kamakura Falcon fit-12 ta' April, 2000.
Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra s-socjeta' konvenuta."

Appellat minn din is-sentenza s-socjeta` konvenuta b'zewg rikorsi ta' l-appell u cjoe in kwantu "agenti ta' NYK Lines, operaturi, proprjetarji u armaturi tal-vapur Kamakura" u in kwantu "operatur tal-bonded stores".

L-obbjezzjoni principali tas-socjeta` konvenuta fiz-zewg vesti fuq indikati huwa wiehed konsimili u uniformi. Iz-zewg appellanti jilmentaw illi meta l-ewwel Qorti giet biex taddossa l-htija hi ma setghetx tikkundanna lis-socjeta` konvenuta fil-personalita` multiformi taghha daqslikieku kellha personalita` guridika wahda. Huma jsostnu illi l-ewwel Qorti injorat il-fatt illi s-socjeta` konvenuta giet citata f'kwalitajiet diversi u allura, in vista ta' dan, akkollat responsabilita` solidali, meta invece kellha tidderima r-responsabilita` ndividwali, distinta u separata ta' kull wahda mill-persuni guridici hekk imharrka.

Mill-atti processwali din il-Qorti taghmel dawn is-senjalazzjonijiet:-

(1) Mill-att promotur tal-avviz jirrizulta li s-socjeta` konvenuta giet citata fi tliet vesti ben distinti, u cjoe, (a) bhala agenti ta' Excel Shipping Limited, presumibilment il-"freight forwarders" u l-"principals" fl-Ingilterra tas-socjeta` konvenuta. Ara deposizzjoni ta' Peter Fleri Soler, Marketing and Sales Manager tas-socjeta' konvenuta (fol 40); (b) bhala agenti tal-operaturi, proprjetarji u armaturi tal-vapur u (c) bhala bond store operator.
(2) Gew intavolati zewg noti ta' l-eccezzjonijiet; wahda fil-veste ta' agent tal-linja marittima trasportatrici (fol 8) u l-ohra mill-istess socjeta` konvenuta "fil-kwalitajiet taghha citati" (fol 6).
(3) Fil-parti recitativa tas-sentenza l-ewwel Qorti kkundannat lis-socjeta` konvenuta "fil-kwalitajiet taghha" minghajr ebda distinzjoni;
(4) L-ebda appell ma gie intavolat mis-socjeta` konvenuta "bhala agenti ta' Excel Shipping Limited".

Issa bla dubju ta' xejn huwa pacifiku illi "hemm diversi kwalitajiet ta' agenziji marittimi u n-natura guridika taghhom tvarja skond il-funzjonijiet li jizvolgu u tista' wkoll tvarja minn kaz ghal kaz" – "**Vivian Bianchi noe –vs-**

**Edward Sullivan et noe**", Qorti Kummerc, per il-kompjant Imhallef George Schembri, 8 ta' Mejju 1979.

Huwa indiskuss ukoll, mill-mod kif giet citata s-socjeta` konvenuta, illi s-socjeta` assiguratrici attrici kienet konxja tal-personalitajiet distinti tas-socjeta` minnha hekk imharrka. Kien allura rilevanti li jigi determinat, ghall-fini tar-responsabilita` ghall-hsarat jew nuqqasijiet riskontrati, min fost il-konvenuti involut fl-operazzjoni tal-istivagg fil-container, garr bil-bahar jew bond store operator, kellu jwiegeb ghal dawn l-istess hsarat jew nuqqasijiet.

Wiehed jifhem l-importanza ta' din l-individwazzjoni tar-responsabilita` ghas-socjeta` konvenuta in kwantu mir-rizultat taghha jiddependi mbaghad lil min eventwalment id-danni jigu addebitati fil-kontabilita` bejnha u l-principali, jew jekk ghandhiex tbatihom hi 'qua bond operator'.

Kif inhu pacifiku f'dawn it-tip ta' kawzi rigwardanti 'marine cargo claims' l-ezitu finali spiss drabi jiddependi mill-attendibilita` tal-provi relattivi ghat-tragitt tal-kariku mill-punt tat-tluq sal-punt tad-destinazzjoni tieghu. Abbinat ma' dan hemm il-principju prevalenti li jimponi fuq dak li fl-istadju partikolari ghandu f'idejh il-merkanzija l-obbligu tal-kustodja taghha "uti bonus paterfamilias" bil-konsegwenzjali responsabilita` ghad-danni eventwali f'kaz ta' inadempjenza ta' dan l-obbligu. Jokkorri ghalhekk li jigu ezaminati l-provi biex tigi certifikata l-kondizzjoni tal-merce f'kull stadju taghha u b'hekk, ukoll, identifikata sew ir-responsabilita', u ta' min fost il-konvenuti.

Mill-provi processwali attendibbli jirrizulta illi:-

(a) Il-merkanzija destinata ghas-socjeta` importatrici Ignazio Anastasi Limited giet mahzuna gewwa groupage container flimkien ma' merce ohra minn Excel Shipping Limited, freight forwarders. (xhieda ta' Peter Fleri Soler, fol 40).

(b) Jinghad li l-container ikun issiggillat (deposizzjoni Brian Valenzia, fol 18) u fil-fatt skond il-precitat xhud Peter Fleri Soler, "is-sigilli sibnihom f'posthom" qabel ma nfetah il-container.

(c) Jinghad ukoll illi fil-kors tad-destuffing tal-merkanzija minn gewwa l-container fil-mahzen tas-socjeta` konvenuta bhala bond operator nstabu erba' cartons retaped (ara out-turn report (fol 43) u "short of contents" (xhieda tal-imsemmi Peter Fleri Soler, fol 41). L-istess xhud jghid li ma kienx cert jekk kienx hemm prezenti ufficjal tad-Dwana waqt dan il-process.
(d) Jirrizulta inoltre illi l-principali Excel Shipping Limited ma accettatx responsabilita` ghal hsara u nuqqas billi strahet fuq il-kontenut tal-House Bill of Lading taghha (fol 22) li l-merkanzija giet stivata fil-container "in apparent good order and condition". (Ara dejjem id-deposizzjoni ta' Peter Fleri Soler a fol 42).

Minn dan appena relatat dak li hu indiskutibbilment car u cert hu l-fatt illi l-provi juru f'dan il-kaz l-istat tal-merkanzija meta din waslet ghand id-destinatarju taghha. Dan hu evidenzjat mid-delivery order (fol 25) u precizat mix-xhud Mark Anastasi (fol 27).

Dan premess irid allura jigi issa ndagat min mill-konvenuti skond il-kwalita' li fiha tharrku ghandu jigi ritenut fi htija ghall-kundizzjoni verifikata tal-merkanzija fil-mument tal-konsenja.

Huwa ovvju in kwantu jikkoncerna l-vapur illi dan bl-ebda mod ma kien ko-involt fl-istivar tal-merkanzija gewwa l-container. Huwa prezunt illi dan allura gie skarikat fl-istess kundizzjoni li fiha tghabba fuq il-vapur, u cjoe bis-sigilli ntatti.

Minn naha l-ohra l-freight forwarders tal-merce partikulari responsabbli mill-hazna taghha gewwa l-container jikkampaw id-difiza taghhom fuq ir-rimarka apportata fil-house bill of lading illi l-merce giet hekk stivata "in apparent good order and condition"; "onde la polizza in questione e' precisamente quella che appellasi "clean bill of lading"" (**Vol X p361**). Prova din prima facie li l-merkanzija deskritta fil-polza giet karikata f'kundizzjoni tajba, bl-obbligu li hekk allura tigi skarikata. ("**Wilfred Mamo et nomine –vs- Paul Mifsud et nomine**", Appell Kummercjali, 5 ta' Gunju 1987)

Kif ahjar kjarifikat fis-sentenza fl-ismijiet “**Avukat Dottor Giovanni Griscti nomine –vs- John Cooper et noe**”, Appell, 19 ta’ Mejju 2000, f’dik ir-rimarka “kien kjarament jaghmel riferenza ghall-kondizzjoni tal-merce, anke jekk tali kondizzjoni tajba kienet kwalifikata bhala ‘apparent’. Kelma din li tfisser illi l-Bill of Lading ……… kien qed jiccertifika illi minn dak li kien qed jidher u minn dak li seta’ jidher, u cioe’ minn dak li kien apparenti, il-kundizzjoni kienet tajba. Tajba jigifieri minghajr hsarat jew nuqqasijiet.”

Is-socjeta` konvenuta bhala bond operator hadet pussess, kustodja u kura tal-container fdat lilha mill-vapur, haditu fl-imhazen taghha u ghamlet l-operazzjoni tad-de-stuffing tal-merkanzija kollha li kien hemm fih stivata.

Issa ghandu jkun prezunt illi gjaladarba l-container kien ghadu bis-sigilli qabel il-process tad-de-stuffing il-merce stivata fih kellha tigi skarikata fl-istess stat li fih kien hekk giet stivata mis-socjeta` Excel Shipping Limited. Dan kien mument krucjali ghas-socjeta` konvenuta bhala bond operator li ggib prova sodisfacenti li tinnewtralizza l-fatt tal-istivar tal-kondizzjoni tal-merce “in apparent good order and condition”.

Ghandu jinghad illi mill-provi ma jirrizultax illi fl-operazzjoni tal-iskarikar mill-container kien hemm prezenti rapprezentant tal-importatur u minn dak li kkonfessa x-xhud Peter Fleri Soler lanqas ma tezisti c-certezza li kien hemm prezenti fizzjal tad-Dwana. Dak li hu cert biss hu li meta l-merkanzija giet konsenjata lill-importatur kien hemm prezenti tali ufficjali doganali.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, mill-kumpless ta’ dawn il-provi, il-konvenut appellant qua bond operator ma jistax jistrieh fuq is-sottomissjoni illi ghax il-container kien qed jigi unstuffed f’area tad-dwana, ergo l-presenza o meno ta’ terzi ma kienet ser tbiddel xejn mill-istat tad-dannu konstatat. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma’ dan l-argoment u anzi jidhrilha li kien proprju fl-interess ta’ din l-istess socjeta’ illi tassigura li l-verifika tal-kondizzjoni tal-

merkanzija ssir, jekk mhux taht il-kontroll tar-rapprezentant tal-importatur, ghallanqas taht dik ta' ufficjal tad-Dwana. Ghalhekk din il-Qorti, l-istess del resto bhall-ewwel Qorti, ma tistax serenament taccetta illi ma kienet mehtiega l-ebda prova ohra konvincenti biex issostni u tiggustifika l-allegata presenza u kostatazzjoni tal-hsara u tan-nuqqas fil-mument tad-de-stuffing tal-merkanzija mill-container.

Gjaladarba kif inghad, u kif hekk jirrizulta mill-qari u ezami tal-parti razzjonali tas-sentenza appellata, l-ewwel Qorti kienet, fuq l-evalwazzjoni taghha tal-provi, waslet ghall-konkluzjoni li kienet din is-socjeta`, in veste taghha ta' bond operator, li kellha titqies responsabbli, ragjonevolment kellu jsegwi illi fil-parti operattiva tal-istess sentenza tkun din l-istess socjeta` li, imbaghad, tigi kkundannata taghmel tajjeb ghad-danni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tilqa' l-appell interpost minn Gollcher Company Limited bhala agenti ta' "NYK Lines" operaturi, proprjetarji u armaturi tal-vapur "Kamakura", tirrigetta l-appell imressaq minn din l-istess socjeta` bhala operatur tal-bonded stores billi ssib lil din is-socjeta` kif f'din il-veste imharrka unikament responsabbli ghad-danni fil-merkanzija mportata f'Malta mis-socjeta` Ignazio Anastasi Limited permezz tal-precitat vapur u allura ghar-rizarciment tal-istess danni lis-socjeta` assiguratrici fl-ammont kif mitlub, kompriz l-imghaxijiet legali.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' konvenuta Gollcher Company Limited bhala operaturi tal-bonded stores.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------